**1 ta' Frar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Alfonso Maria Pace

*versus*

John Zammit

**Kompetenza — Att ta' Kummerċ — Lokazzjoni — Ħanut — Danni — Obligazzjoni — Delitt — Kważi-Delitt.**

*Lokazzjoni ta' fond mikri bħala ħanut tikkostitwixxi, almenu għall-kerrej, att ta' kummerċ; u l-att ta' dak il-kerrej li jikkaġuna danni fil-fond in konnessjoni mal-eżerċizzju ta' dak il-ħanut hu kummerċjali għalieh.*

*Għax id-delitti jew kważi-delitti jistgħu jkun kummerċjali jew ċivili skond jekk ikunu ġew kommessi għar-raġuni tal-kummerċ ta' min jagħmel l-att dolus jew kolpus jew ikunu estranei għal dak il-kummerċ; u għalkemm l-obligazzjoni li titnissel minn fatt delittwus jew kolpus ma tistgħax tkun*

*annoverata mal-atti obbjettivi tal-kummerċ fiha stess, ma jsegwix illi l-istess ma ssirx tali meta l-att jiġi magħmul għal skop ta' spekulazzjoni kummerċjali, għalkemm bejn id-danneġġjant u d-danneġġjat ma jkun jeżisti ebda rapport kontrattwali.*

*Għaldaqstant, kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' azzjoni tassid kontra dak il-kerrej għal danni minnu kaġunati fil-fond fl-eżerċizzju tal-kummerċ tiegħu hija l-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut ħalla fil-post fejn kien joqgħod, nru. 101/102 Sacred Heart Promenade, Birżebbuġa, diversi ħsarat u nuqqasijiet li jirriżultaw mill-anness prospett (dok. A); u illi l-konvenut ma jridx jirripara u anqas iħallas l-imsemmija ħsarat; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) il-konvenut ikun kundannat jagħmel fl-imsemmi fond, fiż-żmien qasir u perentroju li jiġi lilu prefiss, l-imsemmija riparazzjonijiet, (2) u fin-nuqqas hu jkun awtorizzat jagħmel l-istess riparazzjonijiet a spejjeż tal-konvenut, taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi għal dan il-fini nominat mill-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 1962, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Jannar 1963, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione materiae" opposta mill-konvenut, u ddikjarat ruħha nkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat, rigward l-inkompetenza eċċepita;

Illi, kif ġie verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1962, il-fond indikat fiċ-ċitazzjoni kien ġie mikri mill-attur lill-konvenut bħala ħanut; kwindi dik il-lokazzjoni tal-fond bħala ħanut kienet tikkostitwixxi, almenu fil-konfront tal-konvenut, att ta' kummerċ. Mid-dokument "A" (fol. 4 tal-proċess) jidher li d-danni pretiżi kaġunati mill-konvenut, anki jekk talvolta mhux kollha, ġew minnu kaġunati biex jirrendi l-fond inservjenti għall-kummerċ tiegħu, ċjoè għall-eżerċizzju tal-ħanut; b'mod li l-att tal-konvenut, li kkom-

metta d-danni pretiżi mill-attur, meta sar, kien kummerċjali għall-istess konvenut. Infatti, huwa magħruf fid-dottrina illi d-delitti jew kważi-delitti jistgħu jkunu kummerċjali jew ċivili, skond jekk ikunu ġew kommessi għar-raġuni tal-kummerċ ta' min jagħmel l-att dolus jew kolpus, jew ikunu estranei għal dan il-kummerċ; u, kif ingħad, id-danni lamentati mill-attur ġew talvolta kommessi mill-konvenut għall-finijiet tal-kummerċ tiegħu;

Għalkemm l-obligazzjoni li titnissel minn fatt delittwus jew kolpus ma tistgħax tkun annoverata mal-atti obbjettivi tal-kummerċ jekk l-att illeċitu mhux att ta' kummerċ fih stess, ma jsegwix li l-istess ma jsirx tali meta jiġi magħmul għal skop ta' spekulazzjoni kummerċjali, għalkemm bejn id-danneġġjant u d-danneġġjat ma jeżisti ebda rapport kontrattwali (Vol. XX-I-305). Xejn ma jiswa li, kif jissottometti l-attur, il-lokazzjoni tal-ħanut ġiet riżoluta u l-konvenut il-lum u anki meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, ma għadux jiddetjenieh, billi ġie żgumbrat minnu b'deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera; għaliex id-danni allegati mill-attur, kif ukoll ingħad superjorment, saru mill-konvenut meta kienet għadha miexja l-lokazzjoni u l-konvenut kien jiddetjeni l-ħanut b'dik il-lokazzjoni;

Illi għalhekk din il-kawża mhix ta' kompetenza ta' din il-Qorti, iżda tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ;

Rat ir-rikors tal-attur, li bih talab li din il-Qorti tiddikjara liema hija l-Qorti kompetenti;

Semgħet lill-avukati, rat l-atti tal-kawża, u kkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti;

Għalhekk tikkonferma s-sentenza ta' dik il-Qorti, tiddikjara illi l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża hi l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u tordna li l-atti jiġu rimessi lil dik l-Onorabbli Qorti għas-smiegħ tal-kawża skond il-liġi;

L-ispejjeż tal-inċident iħallashom l-attur.